**MALTA**
**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

Kawza numru: 397/2017 AM3

Numru fuq il-lista: 37

**MG Administrators (P-1550) ghan-nom u in rapprezentanza tal-condominium "Tritons Court" ta' Triq ir-Rabat Marsalforn li b'digriet tat-2 ta' Frar 2018 l- kliem "MG Administrators (P-1550) ghan-nom u in rapprezentanza tal-condominium "Tritons Court" ta' Triq ir-Rabat Marsalforn" gew sostitwiti bil-kliem: Daniel Cassar (K.I.98001L)**

**Vs**

**Brian Azzopardi (K.I. 0180178M)**
**15 Sebh,**
**Triq Anglu Grima,**
**Zejtun**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-20 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu l-attur noe talab minghand il-konvenut is-somma ta' elf u tlieta u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,083.61c) dovuta kwantu ghal kontribuzzjonijiet

tal-komun ghal tal-blokka ta' appartamenti li tinsab "Tritons Court" Triq ir-Rabat Marsalforn bilanc ta' somma aktar ghal perjodu mis-sena 2016, 2017 sa Gunju 2018.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut, isib li t-talba tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lill-attur noe is-somma ta' elf u tlieta u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,083.61c) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**